# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR 2001

*Avviz. Nru 1818/00 AJD*

Raymond Portelli

vs

Mario Agius

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225.00) rapprezentanti in kwantu ghal mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) kapital investit u in kwantu ghall-bilanc ta' hamsa u disghin lira Maltin (Lm95.00) profitt tal-investiment li sar mill-attur mal-konvenut in konnessjoni ma' negozju ta' konsenja ta' monitors.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Ottubru, 2000, u bl-imghax legali dekorribbli mit-2 ta' Gunju, 2000, id-data tal-bejgh tal-istess monitors, sal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lilu.   Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR